**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 731/19**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri, Spettur Lydon Zammit, Spettur Christina Delia)**

**Vs**

**Stephen Cassar**
**Gordon Cassar**

**Illum 31 ta' Awwissu 2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' **Stephen Cassar** ta' ħamsa u tletin (35) sena, iben Joseph u Mary neè Falzon, imwieled Pietà nhar it-23 ta' Awwissu 1984, residenti ġewwa 54, Joemar, Triq id-Drama, Qormi, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 406184(M) u fil-konfront ta' **Gordon Cassar** ta' ħamsa u tletin (35) sena, iben Joseph u Mary neè Falzon, imwieled Pietà nhar it-23 ta' Awwissu 1984, residenti ġewwa 54, Joemar, Triq id-Drama, Qormi, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 406084(M), talli:

1. Nhar is-7 ta' Diċembru 2019, għall-ħabta ta' 18:00hrs ġewwa Triq it-Tabib J. Zammit, Balzan, ikkommettew serq ta' baskett minn fuq il-persuna ta' Antonia Galea, anzjana ta' wieħed u tmenin (81) sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-ħin għad-dannu ta' l-istess Antonia Galea;

2. Nhar is-26 ta' Ottubru 2019, għall-ħabta ta' 20:45hrs ġewwa Triq Amery, Sliema, ikkomettew serq ta' baskett għad-detriment ta' Denise Schembri Wismayer, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-ħin għad-dannu ta' l-istess Denise Schembri Wismayer;

3. Nhar it-22 ta' Diċembru 2018, għall-ħabta ta' 17:30hrs, ġewwa Triq il-Karmnu, Birkirkara, ikkommettew serq ta' baskett minn fuq il-persuna ta' Elena Sciberras,

anzjana ta' erbgħa u tmenin (84) sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-ħin, għaddannu ta' l-istess Elena Sciberras;

4. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi rrendew ruħhom reċedivi ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija l-Qorti, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputati jħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, il-Qorti, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, 385 u 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurtà tal-persuni indikati fl-imputazzjonijiet;

Rat li entrambe l-imputati wieġbu li huma ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħhom[1], liema ammissjoni ġiet minnhom it-tnejn imtennija fis-7 ta' Jannar 2020[2];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta tad-9 ta' Diċembru 2019 markati Dok. "A" sa' Dok. "L" a fol. 9 sa' 37 tal-proċess;

Rat li waqt is-seduta tad-9 ta' Diċembru 2019 il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kienx hemm Inkjesti li ġew miftuħa in konnessjoni mal-każijiet li bihom qed jiġu akkużati l-imputati;

Rat li fuq talba tad-Difiża, b'Digriet mogħti fid-9 ta' Diċembru 2019 l-Qorti ordnat li jsir *pre-sentencing report* fil-konfront ta' kull wieħed miż-żewġ imputati;

Rat li b'Nota tas-Senior Probation Officer Antonella Debono ppreżentata fit-18 ta' Diċembru 2019[3], il-Qorti ġiet infurmata li l-Probation Officer Mary Rose Farrugia ġiet nominata biex tħejji l-*pre-sentencing report* fil-konfront ta' l-imputat Gordon Cassar u li l-Probation Officer Joanna Farrugia ġiet nominata biex tħejji l-*pre-sentencing report* fil-konfront ta' l-imputat Stephen Cassar;

Rat li b'Digriet mogħti fit-13 ta' Frar 2020, wara x-xhieda mogħtija mill-Probation Officers Mary Rose Farrugia u Joanna Farrugia waqt is-seduta tat-13 ta' Frar 2020, il-Qorti qiegħdet liż-żewġ imputati taħt *Temporary Supervision Order*;

Semgħet ix-xhieda tal-Probation Officer Mary Rose Farrugia mogħtija waqt is-seduti tat-13 ta' Frar 2020[4] u ta' l-10 ta' Marzu 2020[5] u rat il-*pre-sentencing report* fil-konfront ta' Gordon Cassar minnha esebit bħala Dok. "MRF" a fol. 59 sa' 69 tal-proċess, semgħet ix-xhieda tal-Probation Officer Joanna Farrugia mogħtija waqt is-

[1] Fol. 7 u 8 tal-proċess.
[2] Fol. 41 tal-proċess.
[3] Fol. 38 tal-proċess.
[4] Fol. 57 u 58 tal-proċess.
[5] Fol. 91 sa' 93 tal-proċess.

seduti tat-13 ta' Frar 2020[6] u ta' l-10 ta' Marzu 2020[7] u rat il-*pre-sentencing report* fil-konfront ta' Stephen Cassar minnha esebit bħala Dok. "JF" a fol. 72 sa' 87 tal-proċess;

Rat ir-Rapporti ulterjuri tal-Probation Officers Joanna Farrugia u Mary Rose Farrugia datati rispettivament 10 ta' Lulju 2020[8] u 13 ta' Lulju 2020[9];

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat ir-Rikors ippreżentat mill-imputat Stephen Cassar fit-28 ta' Awwissu 2020 u rat ir-rapport tal-Probation Officer Joanna Farrugia prezentat fil-31 ta' Awwissu 2020;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputati qed jiġu akkużati flimkien talli: (i) nhar is-7 ta' Diċembru 2019, għall-ħabta ta' 18:00hrs ġewwa Triq it-Tabib J. Zammit, Balzan, ikkommettew serq ta' baskett minn fuq il-persuna ta' Antonia Galea anzjana ta' wieħed u tmenin (81) sena, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-ħin għad-dannu ta' l-istess Antonia Galea; (ii) nhar is-26 ta' Ottubru 2019, għall-ħabta ta' 20:45hrs ġewwa Triq Amery, Sliema, ikkomettew serq ta' baskett għad-detriment ta' Denise Schembri Wismayer, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-ħin għad-dannu ta' l-istess Denise Schembri Wismayer; (iii) nhar it-22 ta' Diċembru 2018, għall-ħabta ta' 17:30hrs, ġewwa Triq il-Karmnu, Birkirkara, ikkommettew serq ta' baskett minn fuq il-persuna ta' Elena Sciberras, anzjana ta' erbgħa u tmenin (84) sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-ħin, għad-dannu ta' l-istess Elena Sciberras; (iv) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi rrendew ruħhom reċedivi ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Entrambe l-imputati wieġbu li huma ħatja ta' l-imuptazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħhom[10], liema ammissjoni ġiet minnhom it-tnejn imtennija waqt is-seduta tas-7 ta' Jannar 2020[11].

In segwitu għall-ammissjoni ta' l-imputati, b'Digriet mogħti fid-9 ta' Diċembru 2019, il-Qorti ordnat li jsir *pre-sentencing report* fil-konfront ta' kull wieħed mill-imputati.

Il-*pre-sentencing* report[12] fil-konfront ta' l-imputat Gordon Cassar ġie imħejji mill-Probation Officer Mary Rose Farrugia illi wara debita evalwazzjoni kkonkludiet u irrakomandat is-segwenti: ***Konklużjonijiet - Fatturi identifikati*** - *Gordon Cassar huwa akkużat talli flimkien ma' ħuh it-tewmi Steve Cassar seraq handbags*

[6] Fol. 70 u 70 tal-proċess.
[7] Fol. 94 u 95 tal-proċess.
[8] Fol. 101 u 102 tal-proċess.
[9] Fol. 100 tal-proċess.
[10] Fol. 7 u 8 tal-proċess.
[11] Fol. 41 tal-proċess.
[12] Dok. "MRF" a fol. 59 sa' 69 tal-proċess.

*sabiex minnhom ħa il-flus minn fuq tlett nisa li tnejn minnhom huma anzjani ta' 'l fuq minn tmenin sena.* ***Il-Vittmi*** *anzjani li għandhom 80+ jgħidu li huma t-tnejn ħadu ħasda kbira, iżda ma kienux inweġġgħin. Ħadd minnhom ma jrid jiltaqa' ma' l-aggressuri. Gordon jgħid li huwa jiddispjaċih ħafna talli għamel, mod speċjali lejn il-vittmi l-anzjani. It-total ta' flus li nsterqu mingħand l-anzjani huwa ta' madwar €270.* ***Il-Fedina Penali*** *ta' Gordon Cassar tinkludi 4 reati fejn 2 huma ta' pussess ta' droga, 1 fejn ikkaġuna ferita gravi fuq persuna u ħsara fuq vann, u 1 fejn eżerċita attività kummerċjali mingħajr permess.* ***Bħala familja*** *Gordon jgħid li huma familja magħquda fejn il-ġenituri dejjem kienu preżenti għal uliedhom. Gordon u ħuh it-twemi Steve ibatu mill-Factor 13 deficiency u ta' kull xahar it-tnejn iridu jieħdu l-kura għaliha. Huma t-tnejn dipendenti fuq id-droga u jabbużaw flimkien regolarment. Gordon jgħid li l-aktar fattur li jagħmillu diffiċli sabiex jieqaf milli jabbuża mid-droga hija r-relazzjoni ferm mill-qrib ma' ħuh. Waqt żjara li saret għand il-familja Cassar ħareġ evidenti kemm il-ġenituri ta' Gordon u ħuh ibatu minħabba l-vizzju tad-droga ta' wliedhom u r-riperkussjonijiet li jkun hemm fuq il-familja.* ***Bħala relazzjonijiet*** *Gordon jgħid li lill-ħbieb hu u ħuh qatgħuhom u aktar jgħaddu ħin flimkien u mal-familja.* ***Saħħa*** *Gordon Cassar jgħid li hu għandu kundizzjoni fid-demm magħrufa bħala Factor 13 deficiency. Minħabba din il-kundizzjoni kull xahar irid imur għall-kura sabiex jieħu l-kura permezz ta' drip. Ta' 14-il sena huwa beda jabbuża mid-droga kannabis. Eżamijiet li sarulu fid-dipartiment tal-Probation u l-Parole fil-21 ta' Jannar 2020 u fit-30 ta' Jannar 2020 taw riżultati fil-pożittiv għas-sustanzi ta' l-eroina u kokaina.* ***Impjieg*** *Gordon Cssar huwa diżokkupat.* ***Pjan ta' Kura -*** *Mill-informazzjoni miġbura f'dan ir-rapport hu evidenti li Gordon Cassar ilu jabbuża mid-drogi minn età żgħira. Jidher ukoll li minkejja li jgħid li għamel diversi tentattivi sabiex jieqaf minn dan il-vizzju dawn kienu kollha għal xejn. Kif stqarr huwa stess li l-akbar diffikultà li jara sabiex jieqaf mill-abbuż hi r-relazzjoni ferm mill-qrib ma' ħuh it-tewmi li saħansitra jabbużaw mid-droga flimkien kif ukoll jiġu bżonn il-flus għad-droga flimkien u jwettqu reati flimkien sabiex ikollhom il-flus li jkunu jridu għal dan l-abbuż. Għaldaqstant hu evidenti li sabiex Gordon Cassar ikun jista' jagħmel progress fejn tidħol kura kontra dan l-abbuż li saħansitra wassal sabiex ipoġġi fil-mira ta' dawn ir-reati żewġ persuni anzjani ta' aktar minn 80 sena, għandu bżonn ikun f'ambjent ikkontrollat u 'l bogħod minn ħuh. Mill-andament ta' dan ir-rapport ħareġ evidenti wkoll li minkejja li Gordon Cassar kien imħeġġeġ li jibda jagħmel xi ħaġa dwar dan l-abbuż huwa dam biex daħal 8B ġewwa l-Isptar Monte Carmeli sal-5 ta' Frar 2020 u dan wara li kien ilu rilaxxat mill-ħabs bil-bail mis-7 ta' Jannar 2020. Ngħid ukoll li ż-żewġ eżamijiet kontra l-abbuż mid-droga li saru lil Gordon Cassar irriżultaw fil-pożittiv għas-sustanzi ta' l-eroina u kokaina.* ***Rakkomdanazzjoni*** *- Għaldaqstant, fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi, qiegħed jiġi suġġerit lil din l-Onorabbli Qorti li Gordon Cassar jingħata sentenza ta' priġunerija bir-rakkomandazzjoni lid-Direttur ta' l-Aġenzija tas-Servizzi Korrettivi sabiex huwa jingħata kull opportunità li jagħmel programm ta' riabilitazzjoni kontra l-abbuż mid-droga. Huwa suġġerit ukoll li ma' din l-Ordni tkun abbinata Ordni ta' Trattament.*

Il-*pre-sentencing report*[13] fil-konfront ta' l-imputat Stephen Cassar ġie imħejji mill-Probation Officer Joanna Farrugia li, wara d-debita evalwazzjoni, ikkonludiet u

[13] Dok. "JF" a fol. 72 sa' 88 tal-proċess.

irrakomandat is-segwenti: ***Konklużżjonijiet - Fatturi identifikati -*** *Trobbija tajba fejn ma kien nieqes minn xejn, madanakollu kien hemm element ta' overprotection u fsied wara l-mewt ta' oħthom, fejn skoprew li jbatu mill-kundizzjoni Factor 13 Deficiency (li ikkawżat il-mewt ta' oħthom) fejn id-demm ma jagħqadx sew. Huma jieħdu kura kontinwa fir-rigward ta' din il-kondizzjoni fejn hemm riskju għal ħajtu, minħabba l-abbuż tad-droga. Fir-rigward ta' l-aspett ta' xogħol l-imputat għandu fil-maġġor parti esperjenza jaħdem fil-kumpanija tal-familja biss l-uniku xogħol reġistrat mal-Jobsplus kien għal xi żmien is-sena l-oħra meta ħadem bħala xufier ta' taxi; Il-vittmi ħadu xokk bil-mod ta' kif ġara r-reat (snatch and grab) fejn tnejn minnhom kienu anzjani u vulnerabbli. Tinħass li huwa importanti li jieħdu kumpens lura, biss il-vittmi ma xtaqux jiltaqgħu ma' l-imputati; Fir-rigward il-problema tad-droga, l-imputat beda jabbuża mid-droga fl-adolexxenza. Minkejja li kien għamel programm fl-intier tiegħu ma' l-OASI huwa kien reġa' waqa' għall-vizzju tad-droga wara xi żmien u ma jidhirx li f'dawn l-aħħar għaxar snin minn meta għamel dan il-programm huwa ħadem wisq sabiex jegħleb dan il-vizzju. Infatti mir-rekords jidher li f'dan iż-żmien l-uniku kuntatt mas-servizzi kien is-sena l-oħra; Fattur li ma jgħinx li huwa jegħleb dan il-vizzju huwa l-fatt li hu u ħuh it-tewmi t-tnejn għamdhom problema tad-droga li tagħmilha aktar diffiċli sabiex joqogħdu 'l bogħod minn dan il-vizzju għaliex wieħed iwaqqa' lill-ieħor; Il-Fedina penali tindika li huwa kellu ftit kazijiet quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja fejn kien ukoll ingħata Ordni ta' Probation. Jidher li taħt il-gwida ta' l-Uffiċjal tal-Probation huwa kien ħadem fuq ċertu problemi u kien mar 'il quddiem. Madanakollu tul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport l-imputat wera inkonsistenza fil-kuntatt tiegħu u ma rnexxilux joqgħod 'il bogħod mid-droga.* ***Pjan ta' kura*** *- Jinħass li huwa importanti ferm li l-imputat jindirizza l-problema tad-droga b'mod aktar serju. Jidher li fuq barra qed isibha diffiċli sabiex iżomm il bogħod minn dan il-vizzju u li jagħmel pjan konkret għal programm residenzjali. B'hekk jidher li l-imputat għandu bżonn ikun f'post sigur sabiex jagħmel dan.* ***Rakkomandazzjoni*** *- F'dan l-istadju minħabba l-fatturi identifikati hawn fuq tinħass li piena karċerarja taf tkun aktar idoenja f'dan il-każ. Madanakollu tinħass ukoll il-ħtieġa li l-imputat jiġi megħjun jindirizza din il-problema bil-gwida ta' l-Uffiċjal tal-Probation fejn fil-passat jidher li kien mar tajjeb taħt superviżjoni. B'hekk apparti li umilment qed jiġi rakkomandat li l-imputat jingħata piena karċerarja, qed jiġi suġġerit ukoll li jitqiegħed taħt Ordni ta' Trattament fejn it-trattament ikun li jsegwi programm residenzjali fl-intier tiegħu, waqt li jkun qed jiskonta l-piena.*

Mill-*pre-sentencing reports*[14] fil-konfront ta' l-imputati jirriżulta li: fis-serqa li seħħet fis-7 ta' Diċembru 2019 a dannu ta' Antonia Galea, lill-istess Antonia Galea nsterqitilha s-somma ta' madwar mitejn Euro (€200); fis-serqa li seħħet fis-26 ta' Ottubru 2019 a dannu ta' Denise Schembri Wismayer, lill-istess Denise Schembri Wismayer insterqulha oġġetti, inkluż mediċinali, għall-valur ta' bejn seba' mitt Euro u tmien mitt Euro (€700-€800); u fis-serqa li seħħet fit-22 ta' Diċembru 2018 a dannu ta' Elena Sciberras, lill-istess Elena Sciberras insterqitilha s-somma ta' madwar sebgħin Euro (€70).

---

[14] Dok. "MRF" a tergo ta' fol. 61 tal-proċess u Dok. "JF" a tergo ta' fol. 74 tal-proċess.

B'Digriet mogħti fit-13 ta' Frar 2020[15], fid-dawl tax-xhieda mogħtija miż-żewġ Probation Officers, il-Qorti qiegħdet lill-imputati taħt Ordni ta' Superviżjoni sabiex ikun jista' jiġi ivvalutat u evalwat l-andament tagħhom u l-propensità tagħhom li jgħelbu l-vizzju tad-droga li entrambe għandhom. Fir-rigward reġgħu xehdu l-Probation Officers Mary Rose Farrugia u Joanna Farrugia waqt is-seduta ta' l-10 ta' Marzu 2020[16]. Mix-xhieda tal-Probation Officer Mary Rose Farrugia rriżulta li bejn is-seduta tat-13 ta' Frar 2020 u s-seduta ta' l-10 ta' Marzu 2020, l-imputat Gordon Cassar ma weriex wisq impenn biex jindirizza l-problema tal-vizzju tad-droga li għandu billi mhux biss kien irregolari ħafna l-approċċ tiegħu biex jindirizz tali problema talli addirittura baqa' jabbuża mid-drogi kokaina u eroina. In effetti l-Probation Officer Mary Rose Farrugia għamlitha ferm ċara li fiċ-ċirkostanzi, Gordon Cassar jeħtieġ ikun *contained*. Mix-xhieda tal-Probation Officer Joanna Farrugia wkoll jirriżulta li l-imputat Stephen Cassar ma weriex wisq impenn bejn is-seduta tat-13 ta' Frar 2020 u l-10 ta' Marzu 2020 biex jindirizza l-problema ta' abbuż ta' droga illi għandu u hu wkoll baqa' jabbuża mid-drogi kokaina u eroina.

B'Rapport ulterjuri datat 13 ta' Lulju 2020[17] il-Probation Officer Mary Rose Farrugia kompliet tinforma lill-Qorti bl-andament u s-sitwazzjoni ta' l-imputat Gordon Cassar u jidher li fl-aħħar żminijiet żdiedet il-kwantità ta' methadone li huwa qed jingħata u b'hekk qed iħossu kemm xejn aħjar. Għarrfet lill-Qorti wkoll illi *f'Ġunju Gordon reġa' beda bl-appuntament mal-keyworker tiegħu ġewwa l-Caritas; Gordon Cassar qiegħed imur ċ-ċentru SMOPU b'mod regolari sabiex jieħu l-kura kontra l-abbuż tad-droga permezz tal-methadone kif ukoll iżomm kuntatt regolari mat-tabib tiegħu Dr. Moses li dan l-aħħar għamillu xi eżamijiet tad-demm.* Ta' min josserva però li l-Probation Officer Mary Rose Farrugia bl-ebda mod ma hija qed tindika li tbiddel ir-rakkomandazzjoni minnha mogħtija kemm fil-*pre-sentencing report* imħejji fil-konfront ta' l-imputat Godron Cassar kif ukoll fix-xhieda li tat waqt is-seduta ta' l-10 ta' Marzu 2020.

Il-Probation Officer Joanna Farrugia wkoll ippreżentat Rapport ulterjuri datat 10 ta' Lulju 2020[18] fejn apparte l-fatt li osservat li f'test li sar lill-imputat Stephen Cassar fit-12 ta' Marzu 2020 huwa rriżulta posittiv għall-kokaina u għall-eroina, u li tul iż-żmien meta ma kienux qed isiru testijiet għall-presenza ta' drogi minħabba l-imxija tal-COVID 19 l-imputat iddikjara li kien qed jipprova joqgħod 'il bogħod mid-droga, osservat ukoll illi *fl-10 ta' Marzu 2020 l-imputat attenda fi ħdan is-Sedqa għall-ewwel appuntament tiegħu mal-key worker Juan Jorge Vella. Minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID-19 fejn min-naħa tas-Sedqa wkoll ma kienux qed jiltaqgħu ma' nies b'mod fiżiku, biss f'dan l-aħħar xahar kellhom numru ta' appuntamenti wiċċ imb' wiċċ. Madanakollu Juan Jorge Vella żamm kuntatt regolari ma' l-imputat permezz tat-telefon kif ukoll kien hemm kuntatt mat-tabib tad-Detox Dr. Joseph Tonna fejn ġie diskuss il-pjan ta' kura ta' Stephen Cassar. Il-keyworker tiegħu rreferieh għal Programm residenzjali fejn għandu jiġi diskuss mill-Admission Board tal-programm u jekk jiġi aċċettat huwa jitniżżel fil-waiting list għall-programm. Madanakollu minħabba li l-każ tiegħu għadu pendenti min-naħa tas-Sedqa jkunu jistgħu jagħmlu pjan aktar konkret wara li jiġi issentenzjat. Huwa*

[15] Fol. 55 tal-proċess.
[16] Fol. 91 sa' 93 tal-proċess u fol. 94 u 95 tal-proċess.
[17] Fol. 100 tal-proċess.
[18] Fol. 101 tal-proċess.

*importanti li huwa jkun konsistenti fil-kuntatt tiegħu mal-professjonisti sabiex jaraw il-motivazzjoni tiegħu għall-programm. Fejn jidher li f'dan l-aħħar xhur huwa kien aktar konsistenti fil-kuntatt tiegħu u qed juri iżjed motivazzjoni sabiex jindirizza l-vizzju tiegħu.* Hawn ukoll però jiġi osservat li l-Probation Officer Joanna Farrugia ma tbegħditx mir-rakkomandazzjonijiet magħmula minnha fil-*pre-sentencing report* fil-konfront ta' Stephen Cassar u fix-xhieda li tat waqt is-seduta ta' l-10 ta' Marzu 2020.

Wara li kkunsidrat dan kollu l-Qorti, fid-dawl ta' l-ammissjoni taż-żewġ imputati għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tagħhom, issib liż-żewġ imputati ħatja ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrihom.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati mwettqa mill-imputati u l-fatt li żewġ serqiet minnhom seħħew a dannu ta' żewġ nisa anzjani ta' iktar minn tmenin (80) sena, l-ammissjoni ta' l-imputati fi stadju bikri tal-proċeduri u r-rakkomandazzjonijiet tal-Probation Officers Mary Rose Farrugia u Joanna Farrugia fil-*pre-sentencing reports* tagħhom fil-konfront ta' l-imputat Gordon Cassar u Stephen Cassar risepttivament. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll ix-xhieda u Rapporti ulterjuri ta' l-imsemmija Probation Officers wara li l-imputati tqiegħdu taħt Temporary Supervision Order. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll ir-Rikors ta' l-imputat Stephen Cassar ippreżentat fit-28 ta' Awwissu 2020 u d-dokument anness miegħu, fir-rigward ta' liema l-Qorti tosserva li tul il-kors tal-proċeduri l-imsemmi imputat Stephen Cassar ma weriex l-impenn meħtieġ biex effettivament jirribailita ruħu mill-vizzju tad-droga u b'hekk għall-fini ta' piena l-Qorti ser tistrieħ fuq ir-rakkomandazzjoni mogħtija fil-*pre-sentencing report* imħejji fil-konfront tiegħu mill-Probation Officer Joanna Farrugia. Ir-rapport tal-Probation Officer Joanna Farrugia ippreżentat fil-31 ta' Awwissu 2020 juri biċ-ċar li la l-imputat Stephen Cassar u lanqas l-imputat Gordon Cassar ma qed juru mpenn sabiex jirrejabilitaw ruħhom mill-vizzju tad-droga, tant illi fit-28 ta' Awwissu 2020 stess huma rriżultaw pożitivi għall-kokajina u erojina.

Għaldaqstant, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17, 49, 257D, 261(ċ), (f), 267, 270, 279(a), 280(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ittenni li qed issib liż-żewġ imputati ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħhom u għaldaqstant tikkundanna lil **<u>kull wieħed</u>** minnhom għall-perijodu ta' sentejn (2) priġunerija effettiva.

Fid-dawl ta' dak li jirriżulta mill-*pre-sentencing reports* fil-konfront taż-żewġ imputati relattivament għall-valur ta' dak misruq mingħand Antonia Galea u Elena Sciberras, entrambe ta' iktar minn tmenin (80) sena, a tenur ta' l-Artikolu 257D(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti tordna li ż-żewġ imputati għandhom, *in solidum* bejniethom, jirrestitwixxu s-somma ta' mitejn Euro (€200) lil Antonia Galea u s-somma ta' (€70) lil Elena Sciberras. Dawn l-ammonti għandhom jiġu hekk restitwiti fi żmien massimu ta' sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sentenza. Din l-ordni għar-restituzzjoni tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dejjem fid-dawl a' dak li jirriżulta mill-*pre-sentencing reports* fil-konfront taż-żewġ imputati relattivament għall-valur ta' dak misruq mingħand Denise Schembri Wismayer, a tenur ta' l-Artikolu 15A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li

ż-żewġ imputati għandhom, *in solidum* bejniethom, jirrestitwixxu s-somma ta' seba' mitt Euro (€700) lil Denise Schembri Wismayer. Dan l-ammont għandu jiġi hekk restitwit fi żmien massimu ta' sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sentenza. Din l-ordni għar-restituzzjoni tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Peress illi mill-provi prodotti kjarament jirriżulta li l-imputati għandhom problema ta' abbuż ta' droga, a tenur ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqiegħed lil **kull wieħed** minnhom taħt Ordni ta' Trattament, u dana għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti llum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza. Tali Ordni qed jiġi impost sabiex l-imputati jitqiegħdu taħt u jingħataw it-trattament meħtieġ u adattat biex tiġi ndirizzata il-problema ta' abbuż ta' droga li huma għandhom.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputati bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqhom bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront ta' kull wieħed minnhom kif ukoll ir-responsabilità tagħhom f'każ li ma jikkonformawx ruħhom ma xi rekwizit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront ta' kull wieħed minnhom, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlhom jew lil min minnhom ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti, sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Antonia Galea, Elena Sciberras u Denise Schembri Wismayer, qed torbot lil **kull wieħed** miż-żewġ imputati b'obbligazzjoni tiegħu innfisu taħt penali **kull wieħed** minnhom ta' mitt Euro (€100) għall-perijodu ta' sena (1) li jibda jiddekorri minn dak inhar li huma jiskontaw il-piena karċerarja hawn imposta fuqhom u jiġu rilaxxati b'mod definittiv mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. L-obbligazzjoni fil-konfront ta' kull wieħed miż-żewġ imputati qed tiġi annessa ma' din is-sentenza u tifforma parti integrali minnha. Il-Qorti qed tavża lil kull wieħed miż-żewġ imputati li ai termini ta' l-Artikolu 387 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk huwa jinstab ħati quddiem Qorti kompetenti li kiser il-kondizzjonijiet ta' l-obbligazzjoni tiegħu, is-somma ta' mitt Euro (€100) li għaliha obbligu ruħu tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

In fine l-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputati jiġu kkundannati għall-ħlas ta' l-ispejjeż in konnessjoni man-nomina ta' Esperti a tenur ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, in kwantu f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti.

Il-Qorti tagħmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin sabiex kemm jista' jkun iż-żewġ imputati ma jinżammux flimkien stante li huma influwenza negattiva fuq xulxin u sabiex kull wieħed minnhom jingħata l-għajnuna kollha meħtieġa u kull opportunità li jagħmlu programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga li huma għandhom.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordnijiet magħmula bis-saħħa tagħha fil-konfront ta' l-imputati jiġu komunikati lid-Diretturi tal-Probation Services u lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**